MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-16 ta' April, 2010

Talba Numru. 561/2009

**Bank of Valletta plc C-2833**

**Vs**

**Louis Grioli ID-771951M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Lulju 2009 fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' €1,452.58c (elf, erba' mija tnejn u hamsin ewro u tmienja u hamsin centezmu) rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-loan account kif jirrizulta mill-annessi dokumenti markati Dok A u affidavit Dok C u fl-imkien mal-imghax ulterjuri mit-8 ta' Gunju 2009 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 13 ta' Mejju 2009 (Dok B) u tal-mandat ta sekwestru prezentat kontestwalment.

Ra illi ghalkemm il-konvenut kien gie debitament notifikat, b'dawn il-proceduri, huwa baqa ma deherx u ma

pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ra wkoll illi ghalkemm debitament imsejjah biex jidher ghas-seduta tas-26 ta’ Marzu 2010 huwa naqas li jaghmel dan;

Ra li wkoll li l-konvenut baqa ma wegibx u anqas ma deher ghal mistoqsijiet impoggija lilu in subizzjoni la fis-seduta tas-26 ta’ Marzu 2010 meta gie prezentat il-kapitolu relattiv u anqas ghas-seduta tallum u ghalhekk dawn ghandhom jigu kkunsidrati bhala debitament mistqarra mill-istess konvenut.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-istess socjeta attrici s-somma mitluba ta’ €1,452.58c (elf, erba’ mija tnejn u hamsin ewro u tmienja u hamsin centezmu) bl-imghax legali dekorribbli mit-8 ta’ Gunju 2009 u bl-ispejjes kollha ta’ din l-istanza kif rikjesti a kariku tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------